MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

SEDUTA TAL-11 TA' FRAR, 2014

NUMRU. 1231/2011

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Arthur Mercieca)**
**(Spettur Kevin Pulis)**

**Vs**

**RICHARD CALLEJA**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Richard Calleja** ta’ 30 sena iben Nazzareno u Carmen nee’ Buttigieg imwieled Pieta’ fit-3 ta Lulju 1981 u residenti 20, Triq Sant Andrija, Msida u detentur tal-karta tal-identita` **371781(M)**, gie akkuzat talli :

1. nhar l-4 ta’ Novembru 2011 ghall-habta ta’ 11.30pm gewwa Z-Zurrieq bil-hsieb li tisraq diversi annimali u affarijiet ohra tajt bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt liema

delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta` tal-hati liema serq huwa aggravat bil-hin, mezz u valur;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament ikkagunajt xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe ghamel hsara li tiskorri il-Euro 116.47 ghad-dannu ta` Telesforo Camilleri;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt vettura JBB147 minghajr ma kienet licenzjata w inxurjata;

4. U aktar talli l-indirizz fuq il-karta ta' l-identita' ta' l-imputat ma baqax iktar validu jew, xort'ohra, ma baqax iktar korrett, minghajr dewmien, huwa naqas milli jirrapporta l-fatt lill-ufficjal awtorizzat u naqas milli jikkonsenja l-istess karta ta' l-identita' mhux korretta lil, u li jaghti dak it-taghrif kollu li jkun mehtieg minn, dak l-ufficjal;

5. U aktar talli kiser diversi kundizzjonijiet imposti fuqu mill-istess Onorabbli Qorti meta nhar : fl-26 ta' April 2010 inghata sentenza ta` art. 7 Kap 446 ghal tlett snin mill-Magistrat C.Stafrace Zammit LL.D;

6. Finalment nakkuzaw lill-Richard Callejja talli huwa sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, b'diversi sentenzi, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat ir-*Rinvio a Giudizio* tal-Avukat Generali tas-16 ta` Mejju 2012 li jinsab *a folio* 65 tal-atti, li bih deherlu li mill-kumpilazzjoni kondotta, tista tinstab htija jew htijiet skond l-Artikoli hemm stess indikati;

Rat li fl-udjenza tas-16 ta` Mejju 2012 l-imputat iddikjara li ma jsibx oggezzjoni li l-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur;

**Ikkunsidrat**;

Illi in succinct, il-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni kienu s-segwenti. Nhar l-4 ta` Novembru 2011, ghall-habta ta` xi 11.30pm, waqt li PC1035 Norbert Micallef u PC1302 Clint Zammit kienu qed jaghmlu ronda gewwa Wied iz-Zurrieq bil-vettura tas-servizz, hdejn razzett f’dawk l-inhawi, lemhu persuna tas-sess maskili jghabbi xi naghag ghal go vann Isuzu abjad; biswit il-vann kien hemm ukoll xi naghag. Peress illi ma kienu raw xejn suspettuz, huma komplew fi triqithom lejn Wied iz-Zurrieq. Malli saqu madwar zewg kilometri, ircevew struzzjonijiet mill-*control room* biex iduru lura ghax kien hemm allegazzjoni ta` tehid ta` naghag illegalment. Fi triqithom lura setghu jinnotaw, skond huma, l-istess vann Isuzu isuq fid-direzzjoni opposta. Innotaw in-numru tar-registrazzjoni bhala JBB-147. Meta waslu fuq il-post, sabu lil terza persuna li allegatament kien ra l-persuna tghabbi n-naghag u qalilhom ukoll li l-vann kellu n-numru ta` registrazzjoni JBB-147.

Illi peress li kien hemm numru sostanzjali ta` naghag fit-triq, li setghu ikunu ta` perikolu minhabba t-traffiku, l-pulizija ddecidew li jibqghu fuq il-post sabiex jigi evitat xi perikolu; bhala konsegwenza ma setghux ikomplu jsegweu l-vann in kwistjoni. Sussegwentement, l-ispettur Kevin Pulis impenja ruhu sabiex jintracca lill-imputat, li fuqu kienet registrata l-vettura identifikata mill-pulizija. Wara li ma setghux isibuh, kien l-imputat stess li mar l-ghassa ta` l-Imsida peress li kienet thallietlu *letter to call*. L-imputat cahad li hu kien il-persuna involuta f’dan il-kaz.

Illi fil-mori ta` dawn l-atti l-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri u allura l-unika verzjoni tieghu li hemm fil-process hi dik minnu moghtija volontarjament fl-istqarrija li huwa rrilaxxja nhar is-7 ta` Novembru 2011. Ressaq bhala xhud lill-ohtu Anna Calleja u ppresenta permezz ta` nota tlett ritratti tal-van JBB147.

**Ikkunsidrat**;

Illi fl-ezami tal-kaz odjern din il-Qorti zammet quddiem ghajnejha s-sentenza ta` din il-Qorti diversament presjeduta li inghatat nhar **il-15 ta` Marzu 2001 fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Charles Sciberras"** (Mag. Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D) u ghall-liema sentenza qed issir ampja referenza stante li l-gabra ta` informazzjoni teknika u legali hemm maghmulha hija wahda sostanzjali w utili hafna.

Illi l-Prosekuzzjoni qed issostni li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu principalment minhabba s-*circumstantial evidence* u cioe` l-presenza tal-vettura tieghu JBB147 gewwa Wied iz-Zurrieq, hdejn razzett fi Triq Wied Babu, fil-lejl in kwistjoni.

Minn naha l-ohra d-Difiza ssostni li l-Qorti ghandha sitwazzjoni fejn ma gewx ippruvati l-elementi li jikkostitwixxu r-reat ta` tentattiv tas-serq; *in subsidium* tissottometti illi l-Qorti ghandu jkollha dubbji dwar l-identifikazzjoni tal-van, u li ma hemmx prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi kien l-imputat il-persuna li dak il-hin kien qed jisraq in-naghag jew li kien il-persuna li kienet qed issuq il-van.

Il-Qorti hawnhekk thoss li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer** rigward xi prova trid tressaq il-Prosekuzzjoni in sostenn ta` l-akkuzi taghha.

"*Ta min ifakkar li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubbju dettat mir-raguni li mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubbji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha u bl-applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.*"

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz ***Miller vs Minister of Pensions [1974] 2 ALL ER 372:*** "*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence " of course it is possible, but not in the least probable," the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice.*"

Id-Difiza sostniet wkoll li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova sabiex tipprova l-kaz taghha kif hija tenuta taghmel skond l-artikolu 638(1) tal-Kap 9 u cioe` li ma thalli l-ebda xhud barra li x-xhieda tieghu tkun importanti. Illi ghalkemm dan huwa minnu, pero` kif gie deciz fis-sentenza **Repubblika ta' Malta v Dottor Lawrence Pullicino** moghtija nhar s-sebgha ta' Frar, 1991, huwa veru li l-ligi tirrikjedi l-ahjar prova, pero b'daqstant ma teskludix l-ammissibilita ta' provi sekondarji specjalment meta dawn ikunu l-unici provi disponibbli jew huma intizi biex isahhu l-ahjar prova.

Kif gie deciz fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Farrugia** mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta ta' Marzu, 2000***, hija dejjem il-Prosekuzzjoni li trid ipprova l-elementi kollha tar-reat, u dan permezz ta' provi jew diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant. Il-Qorti ma tistax tippretendi li l-Prosekuzzjoni tressaq xhud fil-Qorti meta jidher li huwa xtaq li jibqa anonimu, specjalment meta l-prosekuzzjoni mhux qed tibbaza l-kaz taghha fuq ix-xhieda tieghu, f'dan il-kaz dak li allegatament jismu Carmel Caruana. Il-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma qalet li wasslet ghall-imputat fuq xi deskrizzjoni tal-imputat maghmulha minn Carmelo Caruana. Kull ma allegatament ghamel l-imsemmi Caruana kien li indika r-registrazzjoni tal-van *de quo*. Illi pero`, fatt mhux ta` ftit importanza hu illi, kienet il-pulizija stess li identifkat in-numru tar-registrazzjoni tal-van *de*

*quo* meta dan kien qed jigi misjuq bi speed notevoli, u li kien l-istess van li kienu raw xi ftit qabel bin-naghag hdejh.

Il-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz qed tibbaza l-kaz taghha fuq provi cirkostanzjali, pero sabiex din il-Qorti taccetta din t-tezi trid tkun sodisfatta li, kif gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v David Gatt** deciza mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sbatax ta' Gunju, 1988***, il-"*provi cirkostanzjali huma bhal katina, li tintrabat minn tarf sa tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1988*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Lee Borg** gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd aktar, anzi l-akkuzat biss.

Illi ghalhekk huwa importanti sabiex tkun tista tinstab il-htija, li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih (ir-reat principali tal-attentat tas-serq) u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra l-provi cirkostanzjali kollha li, jew jorbtu lill-imputat b'mod univoku mar-reati addebitati lilu, jew ma jorbtuhx b'dak il-mod bil-konsegwenza li dan ikollu fuq il-pronunzjament tal-Qorti.

Skond kif deciz mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1961*** fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil:** "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi fil-kuntest tas-suespost din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tikkonsidra l-provi mressqa u tara principalment jekk l-imputat ghandux ikun hu responsabbli mill-attentat tas-serqa fil-lejl in kwistjoni.

1. Illi l-van li l-pulizija kienu raw fil-lejl tal-4 ta` Novembru 2011 ghall-habta tal-11.30pm biswit razzet f'Wied iz-Zurrieq kien l-istess van li huma kienu raw ftit hin wara jinstaq b'velocita` fid-direzzjoni lejn Ghar Lapsi u li

gie identifikat minnhom bin-numru JBB-147. Din il-Qorti ma ghandhiex dubju minn din il-verzjoni moghtija minn dawn il-pulizija u partikolarment ma ghandhiex dubju dwar l-identifikazzjoni tal-van *de quo*. Ma hemm xejn fl-atti li oggettivament ghandu jinduci lil din il-Qorti li ma toqghodx fuq il-verzjoni moghtija minn dawn iz-zewg pulizija li huma centrali ghall-kaz tal-prosekuzzjoni;

2. Illi l-provi rizultanti ma jhallu ebda dubbju f'mohh din il-Qorti li l-van JBB-147 kien qed jintuza biex jinsterqu numru ta` naghag li nstabu fit-triq partikolari biswit ir-razzett u li sid ir-razzett qatt ma kien awtorizza tali tehid tan-naghag. Ghal raguni jew ohra din is-serqa giet frustrata;

3. Illi d-difiza ta` l-imputat (ara l-verzjoni tieghu moghtija fl-istqarrija li tinsab *a folio* 12 *et seq*) hija dik ta` l-alibi u/jew cahda. *Inter alia* jistqarr is-segwenti, dejjem ghal dak li jirrigwarda l-jum tal-Gimgha 4 ta` Novembru 2011 :

"*... ghamilt sa xi l-hdax u kwart jew il-hdax u nofs. Imbaghad wara mort id-dar l-Msida norqod u domt rieqed ….. filghaxija mort id-dar ghall-habta tal-hdax u kwart jew il-hdax u nofs u ipparkjajt il-van tieghi gewwa bitha li tissakkar…..(inti fix-xhin irkibt il-van JBB147 biex tmur id-dar?) .. Kienu xil-hdax u kwart jew il-hdax u nofs ta` filghaxija u bqajt sejjer id-dar minghajr ma waqaft imkien* "

4. Illi minn dan kollu li stqarr l-imputat din il-Qorti jidhrilha li l-imputat qieghed ikun kategoriku. U cioe` li fil-lejl tal-4 ta` Novembru 2011 ghall-habta tal-11.30pm, kellu hu u hu biss il-pussess tal-van JBB147 u li kien qed juzah hu biss. Cahad li kien fl-inhawi ta` Wied iz-Zurrieq. Il-kliem tieghu tant kien kategoriku illi jeskludi kompletament li l-van seta kien, fil-hin *de quo*, f'idejn terzi. La darba huwa l-imputat innifsu li qed jeskludi li l-van kien f'idejn haddiehor u li dak il-hin kien qed jaghmel uzu minnu hu u hu biss, il-Qorti hi tal-fehema – la darba hawn issa qed tiddikjara li l-verzjoni tieghu ma hix kredibbli u ghalhekk ic-cahda tieghu jew l-alibi tieghu huma bla sahha u mhux sostenibbli – li l-presenza tal-van JBB147 fuq ix-xena tad-

delitt, bhala prova cirkostanzjali, tpoggi perfettament lill-imputat fuq ix-xena tad-delitt u cioe` fil-mument tal-attentat tas-serqa fil-lejl tal-4 ta` Novembru 2011 minn razzett f'Wied iz-Zurrieq.

In vista tas-suespost din il-Qorti thoss li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova l-akkuza principali ta' l-attentat tas-serq fil-konfront ta` l-imputat, u dan bl-aggravji tal-valur, (stante li kif xehed Telesforu Camilleri l-valur tan-naghag in kwistjoni jitla ghal aktar minn €232.94), bil-mezz (xatba miftuha u hajt maqlugh), kif ukoll bil-hin. Tirrizulta wkoll t-tieni akkuza u cioe` dik ta' hsara volontarja fil-hajt maqlugh u dana ghad-dannu ta` Telesforu Camilleri fis-somma komplessiva ta` €150. Illi t-tielet akkuza ma tirrizultax sodisfacentement (ara folio 53). Lanqas jista l-imputat jinstab hati tar-raba imputazzjoni stante li l-Qorti ma tarax li jezistu l-estremi taht l-Artikolu 19(1) tal-Kap 258; apparti wkoll l-ispjegazzjoni plawsibbli li l-imputat ta fl-stqarrija tieghu ghal dak li jirrigwarda d-dettalji ta` l-indirizzi.

Ghal dak li jirrigwarda l-hames u s-sitt imputazzjonijiet din il-Qorti hi tal-fehema li hi ma tistax titratta ma` Richard Calleja bhala recidiv stante li hu qatt ma gie <u>kkundannat</u> – enfazi tal-Qorti -(ara artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 kif ukoll il-fedina penali *a folio* 10 *et seq* u s-sentenza esebita *a folio* 62) izda dejjem ibbenefika mid-dispozizzjonijiet tal-Kap 446. Minn naha l-ohra din il-Qorti sejra titratta ma Richard Calleja skond l-Artikolu 23 tal-Kap 446 u dana in bazi ghas-sentenza moghtija fil-konfront tieghu nhar is-26 ta` April 2010.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta` piena din il-Qorti ma tistax taghlaq ghajnejha ghall-fatt li din mhux l-ewwel darba li l-imputat ingieb quddiem il-Qorti biex jirrispondi ghal diversi akkuzi, fosthom ukoll akkuzi ta` serq. L-imputat inghata ta` l-anqas tlett opportunitajiet skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 446; jidher li ma fehemx bizzejjed il-konsegwenzi ta` ghemilu u baqa ghaddej fi triq li finalment kellha twasslu ghall-karcerazzjoni. Il-fedina penali tirrifletti dan apparti li l-

kaz odjern sehh waqt li hu kien taht ordni ta` probation skond l-Artikolu 7 tal-Kap 446 – ghal din il-Qorti dan hu fatt sinjifikanti u huwa Richard Calleja stess li stieden b'idejh l-applikazzjoni tas-sanzjoni iebsa tal-karcerazzjoni.

**GHALL-MOTIVI PREMESSI L-QORTI**, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 41(1)(a), 261(b)(c)(f), 263, 267, 270, 278, 325(1)(b), u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7, 21, 23 u 24 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, **issib u tiddikjara lil Richard Calleja mhux hati tat-tielet, tar-raba u tas-sitt imputazzjonijiet u minnhom tilliberah skond il-ligi. Issibu u tiddikjarah pero` hati ta` l-ewwel, tat-tieni u tal-hames imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu, qed titratta mieghu skond l-Artikolu 23(1)(a) tal-Kap 446 ghar-reati li dwarhom kienet saret l-ordni bis-sahha tas-sentenza tas-26 ta` April 2010, u tikkundannah komplessivament ghal-sentejn prigunerija**.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------